MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 106/2002

**Philip Buttigieg**

**vs**

**Joseph Agius**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba.

Ra l-verbal tal-konvenut fis-seduta tat-22 ta’ Novembru 2002 li permezz tieghu ikkontesta t-talba fis-sens li l-prezz tal-attur kien esagerat.

Ikkunsidra illi l-partijiet kontendenti jaqblu li ftehim dwar il-prezz ma kienx hemm.

Il-konvenut xehed li f’okkazjoni precedenti meta kienet gratlu l-istess hsara fis-shaft li fuqu saret it-tiswija mill-attur, il-mekkanik, certu Rotin, hadlu biss LM5. Ha parir

minghand mekkanik iehor li stmalu x-xoghol tal-attur LM10 cirka.

L-attur min-naha tieghu xehed illi l-hsara sehhet proprju fil-post fejn is-shaft kien iwweldjat qabel minn Rotin. Dan ma tantx jindika illi x-xoghol precedenti kien sar b’mod professjonali. Di piu l-attur iddeskriva b’mod iddettaljat ix-xoghol li ghamel, li kien jikkonsisti mhux biss fi “spot welding” imma wkoll filli ccentra s-shaft fuq it-torn, qata’ bicca mis-shaft u ssostitwiha permezz ta’ bicca metall ohra, kif ukoll applika l-“hardner” u tefa’ s-shaft fil-forn ghal sitt sighat. Dan kollu jindika li sar xoghol professjonali li rrikjeda certu ammont ta’ hin, kif ukoll l-uzu tal-forn li naturalment jinvolvi l-ispejjez.

Illi fl-assensa ta’ ftehim dwar il-prezz, ikun ekwu li jigi applikat il-prezz korrenti fis-suq. Ma jidhirx li, tenut kont tax-xoghol esegwit fuq imsemmi, il-prezz ta’LM25 kien wiehed esagerat. Min-naha l-ohra, il-konvenut ghalkemm semma prezzijiet ta’ LM5 u LM10, lanqas biss kien jaf f’hiex kien jikkonsisti x-xoghol li ghamel l-attur; stqarr li ma jifhimx u fl-istess nifs jistqarr li ha stejjem minghand haddiehor. It-Tribunal mhux konvint li l-konvenut seta’ jiehu stima tajba jew iqabbel il-prezz li hadlu Rotin mal-prezz li hadlu l-attur kemm-il darba ma kienx jaf sewwasew ix-xoghol li kien hemm involut.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta’ LM25 dovuti ghal xoghol ta’ inginerija fuq il-vettura tal-konvenut. Bl-ispejjez.

(ft) Grazio Mercieca
Gudikatur
(ft) M’Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur